MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 636/2002

**Avviz numru 636/02DM**

**Paul Bugeja, Sindku tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar**

**Vs**

**John Micallef, Matthew Xuereb u Stephen Chetcuti bhala Editur ta' The Malta Independent**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Kunsill Lokali attur talab l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata li ma teccediex il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) prevja d-dikjarazzjoni li dak li qal il-konvenut John Micallef kif rappurtat fl-artikolu 'Lm145,000 worth of

tenders lost – Cooperative claims irregularities' miktub mill-konvenut Matthew Xuereb u ppublikat fil-harga ta' 'The Malta Independent' tal-11 ta' Ottubru, 2002, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur billi attribwilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Stephen Chetcuti u Matthew Xuereb fejn eccepew illi:
1. It-talbiet attrici huma bla bazi fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ;
2. Ir-rapport 'Lm145,000 worth of tenders lost – Cooperative claims irregularities' huwa gust u permissibbli f'socjeta' demokratika. Minbarra li jaghti l-argumenti taz-zewg nahat, huwa esercizzju tad-dritt ghal stampa hielsa garantit bl-art. 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, li l-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem irretiniet kemm-il darba li l-'media' ghandhom funzjoni ta' 'watchdog'.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Micallef fejn ecceppixxa illi :

1. Meta huwa tkellem mall-gazzetta in kwistjoni tkellem fil-kariga tieghu ta' 'manager' tal-Koperattiva ghall-Indafa Pubblika u mhux f'ismu personali ;
2. Huwa ma ppubblika xejn u wiegeb ghall-mistoqsijiet li staqsietu l-gazzetta in kwistjoni ;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost dak li qal huwa 'fair comment' u bl-ebda mod ma huwa malafamanti fil-konfront ta' l-attur.

Rat il-verbal tat-28 ta ' Mejju, 2003, fejn id-difensur tal-konvenuti ddikjara illi huwa jaqbel illi Stephen Chetcuti, l-konvenut kien l-editur tal-gurnal citat fiz-zmien tal-pubblikazzjoni u jaqbel u jaccetta illi d-dokument 'PB1' huwa vera kopja ta' l-artikolu l-originali ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm it-talba kontenuta fl-Avviz tirrigwarda kundanna tal-konvenuti ghall-hlas lill-Kunsill Lokali attur, dan ghandu jigi kkunsidrat bhala effett ta’ zvista billi t-talba giet maghmula esklussivament minn Paul Bugeja personalment u l-kwalifika ta’ Sindku tal-Kunsill Lokali, San Pawl il-Bahar, hija biss l-indikazzjoni tal-kariga li jokkupa l-istess attur Paul Bugeja fil-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar.

Dan infatti huwa ampjament ikkonfermat fit-talba ta’ l-istess attur ghal dikjarazzjoni illi l-artiklu in kwistjoni huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi attribwewlhu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku.

Mid-deposizzjoni ta’ l-istess attur Paul Bugeja jirrizulta li r-riferenza ghall-artiklu libelluz hija effettivament riferenza ghall-artiklu li deher fil-harga tal-gurnal ‘The Malta Independent’ tal-11 ta’ Ottubru, 2002, f’pagna hamsa (5) u li kien intestat ‘**Lm145,000** worth of tenders lost’ u li kien miktub mill-konvenut Matthew Xuereb.

L-istess attur ipprezenta kopja fotostatika ta’ l-istess artiklu li giet immarkata bhala dokument ‘PB1’ u tinsab a fol. 16 tal-process, liema kopja giet accettata mill-konvenuti Xuereb u Chetcuti bhala vera kopja ta’ l-artiklu originali.

Fid-deposizzjoni tieghu l-attur Paul Bugeja kompla jispjega ghaliex huwa hassu malafamat b’dan l-artiklu, u ghamel riferenza ghall-allegazzjoni illi ‘tender’ ghall-gbir ta’ l-iskart moghti lill-Kooperattiva ‘Northern Cleaners’ kien ‘awarded irregularly’ u li l-istess ‘tender’ gie moghti u ohrajn skartati ghall-motivi purament politici u li hu, bhala Sindku tal-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar, u li kien

involut fl-ghazla tat-'tender' kien ukoll membru tal-kumpanija 'Northern Cleaners Cooperative' li hadet il-kuntratt.

Evidentement dawn l-allegazzjonijiet mehudin flimkien, senjatament l-allegazzjoni illi l-attur, fil-kwalita' ta' Sindku tal-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar, kien involut fl-ghoti irregolari ta 'tender' lil Kooperattiva li huwa fiha kellu sehem, iwasslu bilfors ghall-malafama fil-konfront ta' l-istess attur, jekk effettivament jirrizulta illi l-allegazzjonijiet mhumiex ibbazati fuq fatti li effettivament avveraw ruhhom u/jew mhumiex ibbazati fuq fatti li almenu jwasslu ghal suspett fondat illi effettivament l-ghoti ta t-tender kien affett minn irregolarita'.

Mill-provi prodotti mill-attu, senjatament il-kopji tal-minuti u d-dokumenti hemm annessi, esebiti bhala dokumenti 'CD1' sa 'CD4' minn fol. 22 sa fol. 30 tal-process, tirrizulta certa metikolozita' taz-zewg Kunsilli Lokali nvoluti fil-proceduri adottati u l-kunsiderazzjonijiet u ricerki li saru qabel ma nghata t-'tender' in kwistjoni u ma jirrizulta minn imkien xi suspett ta' xi nfluwenza politika. Infatti l-influwenza taz-zewg partiti politici ewlenin tirrizulta illi kienet mifruxa kwazi egwalment fiz-zewg Kunsilli Lokali nvoluti u l-istess Kunsilli Lokali hadu d-decizjonijiet dwar l-ghoti tat-'tender' unanimament.

Mill-istess minuti jirrizultaw b'mod logiku l-mottivi u kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Kunsilli Lokali nvoluti biex ghazlu b'mod ghaqli t-'tender' maghmula mill-Kooperattiva 'Northern Cleaners' u mhux 'tenders' ohrajn illi setghu mportaw nefqa anqas ghall-istess Kunsilli.

Inoltre jirrizulta ampjament mill-provi prodotti illi l-attur Paul ma kellu ebda sehem jew interess fil-Kooperattiva 'Northern Cleaners' li effettivament hadet it-'tender'.

Dawn il-provi ma gew b'ebda mod ikkontestati mill-konvenuti Xuereb u Chetcuti fil-kwalita' taghhom rispettiva ta' kontributur u editur tal-gurnal 'The Malta Independent' li fih gie ppubblikat l-artiklu.

Minn naha tal-konvenut John Micallef fid-deposizzjoni tieghu dana spjega illi hu b'ebda mod ma kien involut fil-kitba ta' l-artiklu in kwistjoni u li, ghalkemm l-artiklu li minnu jilmenta l-attur jindika illi gie bbazat fuq allegazzjonijiet illi ghamel il-konvenut John Micallef, l-istess John Micallef sosstna illi mhux veru kien qal id-diskors li gie rrapportat li ntqal minnu u li qatt ma gie nfurmat meta kien ser jigi ppubblikat l-artiklu jew gie mistieden biex jaqrah qabel il-pubblikazzjoni.

L-istess konvenut Micallef sostna biss illi huwa kien logikament iddispjacut illi l-Kooperattiva ta' l-Indafa Pubblika li taghha kien il-'Manager' ma rnexxiliex tiehu t-'tender' minghand il-Kunsilli Lokali ta' San Pawl il-Bahar u tal-Mellieha ghall-gbir ta' l-iskart f'dawk il-lokalita'.

Billi ghalhekk jirrizulta illi l-konvenut Micallef  ma kellu l-ebda sehem fil-kitba ta' l-artiklu u billi din l-azzjoni hija bbazata fuq il-provvedimenti ta' l-artiklu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa Kap. 248 li tghabbi bir-responsabbilita' lil min ikun ippubblika u qassam f'Malta stampat jew bil-mezz ta' xandir kif imfisser fl-istess ligi, it-talba attrici ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-konvenut John Micallef u l-Qorti qieghda ghalhekk tichad it-talba attrici fil-konfront ta' l-istess konvenut Micallef.

Izda fejn jirrigwarda l-konvenuti l-ohra, billi huma accettaw ir-responsabbilita' ghall-artiklu in kwistjoni, u billi l-istess artiklu jirrizulta illi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur, it-talba attrici ghandha tigi akkolta fil-konfront taghhom.

Ghal dak li jirrigwarda s-somma li ghandha tigi llikwidata bhala danni ghal-malafama li soffra l-attur, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-proporzjon li jrid ikun hemm bejn il-malafama u l-ammont tad-danni u wara li hadet in konsiderazzjoni ukoll il-kariga ta' l-attur bhala Sindku  ta' Kunsill Lokali li hija kariga delikata u li iktar tesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku bl-allegazzjonijiet li ghamlu l-konvenuti, il-Qorti qieghda tistabbilixxi bhala danni s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti

qieghda tikkundannhom *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu din is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) lill-attur. Bl-imghax legali b’effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Matthew Xuereb u Stephen Chetcuti *in solidum* bejniethom hlief dawk tal-konvenut John Micallef li ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------